# TMIEM IL-JASAR

Għajjatt għajta maħnuqa bħal ta' barri
mitluf fil-biża', w-bla ħarist fir-resħa
tad-dalma kiesħa, għalaqt għajnejja għal kollox
u ntfajt fil-beraħ

Għajjatt u ntfajt: bħal kieku ridt intigħem
hedak il-ħobż li qatt ma doqt tjubitu;
għajjatt u ntfajt sa biex bil-mewt jo'l-ħajja
nista' nitrejjaq:

Jo' mmur ingħix kif f'hem jaħlaqni Alla:
nitpaxxa bl-art li tarmi ħdura w-fwieħa,
nitgħaxxaq bis-smewwiet mimlija ħlewwa
u ngħix f'sabarti,

inkella mmur 'il hemm imnejn qatt tasal
il-ħarsa, l-kelma, f'serħ jew fi tbatija,
induq il-hena jew nitbekka l-ħajja
li tkun intemmet.

**21-9-27** **S.**